# Qorti Kriminali

**Imhallef**

**Onor. Vincent De Gaetano LL.D.**

**Att ta' Akkuza 10/2001**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Godfrey Ellul**

Illum il-Gimgha 12 ta’ Ottubru, 2001.

Il-Qorti:

Rat l-att ta' akkuza numru 10/2001;

Rat l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-akkuzat permezz tan-nota tieghu tal-21 ta’ Gunju, 2001, u li tghid testwalment hekk:

*“Jirrileva dwar l-ewwel kap li r-reat ta’ assocjazzjoni ma jezistix anki kif hemm il-fatti allegati u dana peress illi l-assocjazzjoni bejn zewg persuni ma tistax tikkonfigura dan ir-reat”;*

Semghet lill-Avukat Dott. Joseph Brincat ghall-akkuzat u lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said ghall-Avukat Generali fl-udjenza tal-1 ta’ Ottubru, 2001; ikkunsidrat:

Ghalkemm il-mod kif din l-eccezzjoni hi redatta huwa nebuluz ghall-ahhar, din il-Qorti tifhem li l-akkuzat qed jeccepixxi n-nullita` tal-ewwel kap ghar-raguni msemmija fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 tal-Kodici Kriminali, u cioe` li l-fatt migjub fl-att ta’ akkuza ma jkunx jikkostitwixxi, fis-sustanza, ir-reat migjub jew diskritt f’dak l-att.

Fl-ewwel kap l-akkuzat Ellul qed jigi akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 101, u cioe` bir-reat ta’ assocjazzjoni (“conspiracy” fit-test Ingliz tal-ligi) sabiex ibiegh jew jitraffika medicina f’Malta bi ksur tal-ligi, jew li ppromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assocjazzjoni.

Fl-udjenza tal-1 ta’ Ottubru, 2001 id-difensur tal-akkuzat qal semplicement – u din il-qorti taghmilha cara li din kienet l-unika sottomissjoni tieghu, sottomissjoni li ma haditx aktar minn ftit sekondi biex jaghmilha – li biex ikollok l-assocjazzjoni ghall-fini tar-reat in kwistjoni tnejn minn nies ma humiex bizzejjed, imma jrid ikollok mill-anqas tlieta.

Din il-Qorti tara li din l-eccezzjoni hija wahda fieragh. Huwa car mil-lokuzzjoni adoperata fil-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 li jista' jkollok assocjazzjoni ("conspiracy") bejn tnejn minn-nies: "Kull min…jassocja ruhhu ma' persuna jew persuni ohra…". Dan hu konformi mal-kuncett tal-"conspiracy" – kemm "common law conspiracy" kif ukoll "statutory conspiracy"[1] – mehuda mill-ligi Ingliza u abraccjata anke fil-Kodici Kriminali taghna (ara l-Artikolu 58, Kap. 9). Fil-parti espositiva ta' l-ewwel kap hemm, fis-sustanza, l-elementi kollha tar-reat ta' assocjazzjoni skond l-imsemmi paragrafu (f) kif ukoll ghal dak li hu l-*modus operandi* li jrid ukoll ikun gie miftiehem (Art. 22(1A) tal-Kap. 101). Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma hix tal-fehma li ghandha ghalfejn tghid aktar.

Ghall-motivi premessi, tirrespingi l-eccezzjoni preliminari tal-akkuzat, u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

(ft) Vincent De Gaetano
Imhallef

(ft) Paul Miruzzi
Dep. Registratur

---

[1] Ara ***Blackstone's Criminal Practice, 2001***, Blackstone Press Ltd. (London), 11$^{th}$ ed., 2001, para. A6.9 sa A6.11; ara wkoll il-*Criminal Law Act 1977, s. 1(1)*.